MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 755/2003/1

**Yvonne Borg**

**v.**

**Christopher Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fl-24 ta’ Lulju 2003, li taqra hekk:

“Premess illi l-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta’ Mejju 1990 hekk kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘YB1’.

“U premess illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta’ karattru bejn il-kontendenti.

“U premess illi miz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta’ Charmaine li twieldet nhar it-8 ta’ Mejju, 1991.
“U premess illi l-attrici akkwistat il-fond matrimonjali u cioe` ‘Chrivon’, Flat 2, Cospicua Road, Fgura nhar it-23 ta’ Dicembru, 1987 u ghalhekk dan il-fond huwa proprjeta` parafernali taghha.

“U premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili bin-Numru 653/2003 (Dok. ‘YB2’) sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

“Jghid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti.

“2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tifla minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici ;

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifla minuri taghha.

“4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet applikando kontro l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u okkorrendo ta’ Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

“5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

“6. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali u cioe` mill-fond bl-isem ta’ ‘Chrivon’, Flat 2, Cospicua Road, Fgura.

“7. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma’ l-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha tal-imsemmi artikolu fil-konfront tal-istess konvenut.

“8. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m’ghandha tbati l-ebda forma ta’ spejjez stante illi l-firda ma kienitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 43) li in forza taghha eccepixxa illi:

”1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dana pero` gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici li hija hatja versu l-eccipjenti ta’ sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi oltre li z-zwieg tkisser irrimedjabilment. Di fatti l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

”2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-kontro-talba (fol. 45) mressaq mill-konvenut li taqra hekk:

“Li biha qieghed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju lilu moghti tal-kontro-talba:

“Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta’ Mejju 1990;

“U premess illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla wahda li jisimha Charmaine;

“U premess illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibli, permezz ta’ sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

“U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 653/2003 datat 27 ta’ Mejju 2003;

“U premess illi l-partijiet ftehemu kif ghandha tigi likwidata d-dar matrimonjali permezz ta’ skrittura datata 23 ta’ Dicembru 1987 (Dok CB1 hawn annessa);

“Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti, prevja okkerrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

“1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unici tal-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat, u konsegwentement tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija unika tal-attrici rikonvenzjonata.

“2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti Charmaine Borg tigi fdata konguntivament bejn l-istess kontendenti.

"3. Tillikwida ammont ragjonevoli ta' manteniment li ghandu jigi mhallas mill-konvenut rikonvenzjonant ghall-bintu minuri, tenut kont tal-mezzi tal-istess konvenut u tal-bzonnijiet tal-minuri u tal-obbligu tal-istess attrici li tikkontribwixxi hi wkoll ghall-bzonnijiet tal-minuri u tordna lill-istess konvenut rikonvenzjonant ihallas dik ir-retta alimentarja hekk likwidata; filwaqt li tiddikjara lill-attrici rikonvenzjonata iddekadiet mid-dritt li tippercepixxi kwalsiasi manteniment minghand il-konvenut rikonvenzjonant.

"4. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti kollha jew in parte tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-konvenut rikonvenzjonant u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess attrici rikonvenzjonata ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

"5. Tiddikjara liema huma l-assi li jappartjenu l-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida u xxolji l-istess kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti li taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux neccessarjament ugwali in vista, *inter alia* ta' dak maqbul bejn il-partijiet permezz tal-iskrittura datata 23 ta' Dicembru 1987 (Dok CB 1) in konnessjoni mad-dar matrimonjali u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici rikonvenzjonata ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici rikonvenzjonata u wahda lill-konvenut rikonvenzjonant *ope sententiam*, u okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

"6. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici

rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti.

"7. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant sabiex jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

"Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici rikonvenzjonata minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata (fol. 52) li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-eccipjenti ma topponix ghas-separazzjoni personali izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut-rikonvenzjonant hekk kif gia` indikat fic-citazzjoni pprezentata minnha.

"2. Illi ghar-rigward tal-kura u l-kustodja tal-minuri, l-eccipjenti topponi ghat-talba tal-konvenut stante illi c-cirkostanzi jimmilitaw illi l-kura u l-kustodja assoluta ghandha tkun f'idejn l-eccipjenti basta illi l-konvenut-rikonvenzjonant ikollu access adegwat ghal bintu hekk kif *del resto* hija s-sitwazzjoni attwali.

"3. Illi a rigward tat-tielet talba, l-eccipjenti tecepixxi illi l-konvenut-rikonvenzjonant ghandu jmantni kemm lil bintu kif ukoll lill-eccipjenti.

"4. Illi a rigward tar-raba' u l-hames talba, l-eccipjenti m'hix qieghdha topponi illi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u li l-istess komunjoni tinqasam f'zewg porzjonijiet, izda sakemm fl-ewwel lok il-konvenut-rikonvenzjonant bhala hati tal-firda matrimonjali ta' bejn il-kontendenti ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu minn din il-Qorti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli relattivi tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet tal-Malta, *inter alia*, l-Artikolu 48 tal-istess Kapitolu

u fit-tieni lok din il-Qorti tordna l-izgombrament tal-konvenut-rikonvenzjonant mid-dar matrimonjali u tassenja l-istess lill-eccipjenti bhala r-residenza personali taghha li fiha tabita wkoll bintha u dan stante illi d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tal-eccipjenti.

“5. Illi a rigward tas-sitt talba, l-eccipjenti tecepixxi illi hija m’ghandha l-ebda beni dotali u/jew parafernali tal-konvenut.

“6. Illi a rigward tas-seba’ talba, l-eccipjenti topponi bil-qawwa kollha taghha din it-talba stante illi fl-ewwel lok hija flimkien ma’ bintha kellha titlaq mill-fond li huwa proprjeta` esklussiv taghha minhabba l-konvenut u fit-tieni lok ghandha tkun hija u bintha li jghixu u jabitaw fil-fond matrimonjali u mhux zewgha wahdu.

“7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fil-15 ta’ Dicembru 2009 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“[1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, principalment bi htija tal-konvenut, u sekondarjament bi htija tal-attrici;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tifla llum hija maggjorenni;

“[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **‘Manteniment’**;

“[4] tilqa’ ir-raba’ u l-hames talba fis-sens fuq stabbilit fis-sezzjonijiet ntestati **‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’** u **‘Dar Matrimonjali**.’

“[5] tilqa’ is-sitt talba, u tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond ‘Chrivon’ Flat 2 Cospicua Road, Fgura fi zmien xahar, filwaqt li tiddikjara li dan il-fond jappartjeni fl-intier tieghu lill-attrici u m’ghadux jitqies id-dar matrimonjali tal-partijiet;

“[6] tichad is-seba’ talba;

“Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament fis-sens fuq deciz;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, ghar-raguni fuq indikata;

“[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens fuq deciz;

“[4] tichad ir-raba’ talba;

“[5] tilqa’ l-hames u s-sitt talbiet fis-sens fuq deciz;

“[6] tichad is-seba’ talba, fit-termini u fis-sens fuq deciz.

“L-ispejjez tal-azzjoni u tal-kontro talba ghandhom jithallsu mill-partijiet konguntivament in kwantu ghal tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] mill-konvenut, u kwart [$^{1}/_{4}$] mill-attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“L-Azzjoni**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet indikati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Min-naha tieghu l-konvenut ukoll, filwaqt li jichad dak attribwit lilu mill-attrici, qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ l-attrici ghal-istess ragunijiet indikati minnha, izda attribwiti esklussivament lill-attrici.

“**Separazzjoni Personali**

“*Il-Fatti*

“Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fis-26 ta’ Mejju 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifla Charmaine li twieldet fit-8 ta’ Mejju 1991 u li ghalhekk illum hija maggjorenni.

“Illi minhabba l-inkwiet matrimonjali, l-attrici telqet mid-dar konjugali bit-tifla minuri f’zewg okkazzjonijiet, l-ewwel fis-sena 2001 meta damet gimgha, u t-tieni f’Novembru 2002 meta damet xahar. Hija kienet irritornat lura bl-intervent tal-qassis ir-Reverendu Joseph Saliba. Sussegwentement, f’Novembru 2002 il-konvenut irrefera ruhu l-Appogg fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika, izda minkejja li kien ghamel il-programm shih, xorta baqa’ l-inkwiet u l-glied bejn il-partijiet, bir-rizultat li, wara incident awtomobilistiku, fit-22 Settembru 2003 l-attrici telqet, bit-tifla, ghal kollox mid-dar konjugali defenittivament, u marret tghix mal-genituri taghha.

“Illi wara ftit li din bdiet tghix fid-dar tal-genituri taghha hija saret taf ragel, identifikat b’ismu ‘AB’ li kien habib tal-genituri taghha, u li kien ukoll separat, u li l-attrici kienet qed tkun ta’ spiss, anke wahedha, fil-kumpanija tieghu, tant li darba minnhom kienu marru Ghawdex wahedhom bil-karrozza tieghu. Dawn ic-cirkostanzi, u senjatament il-hbierija li kellha l-attrici ma’ dan ir-ragel, manifestata fil-mori tal-kawza, kienu kagun ta’ dispjacir kbir ghal-konvenut, anke dovut ghal fatt li dan ir-ragel kien ikun fil-prezenza ta’ bintu minuri li min-naha taghha din kienet turi riluttanza sabiex tirrelata ma’ missierha.

“*Verzjoni tal-Attrici*

“Illi l-attrici tghid li l-inkwiet matrimonjali beda mill-bidu nett taz-zwieg, u kien dovut ghall-komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, anke quddiem binthom minuri. Tghid li l-konvenut kien isawwatha psikologament u emozzjonalment, u okkazzjonalment anke fizikament. Huwa kien jghajjarha miguna u

jheddidha, jghajjat u jaghmel xenati fuq affarijiet zghir, izda principalment minhabba l-flus. Gieghli kien jitfa’ xi oggetti fid-direzzjoni taghha u juza vjolenza fuq l-affarijiet fid-dar, u anke fuqha. Kien jaqla’ l-plakka tat-*television*, u anke tat-telefon biex l-attrici ma tkunx tista’ ccempel ghall-ghajnuna.

“Tghid li dawn ix-xenati kienu kostanti, u hafna drabi, fil-prezenza tat-tifla li okkazzjonalment kienet tintervjeni hi fizikament biex il-konvenut ma jsawwatx lill-attrici. L-effett ta’ dan fuq it-tifla, allura minuri, kien li, wara s-separazzjoni *de facto*, din kienet riluttanti li tmur ghall-access mal-konvenut li min-naha tieghu kien jirrispondi b’abbuz verbal fil-konfront ta’ bintu. Rizultat ta’ dan, meta din ghalqet l-14-il sena hija bdiet tirrifjuta li tmur ghall-access, u qatet il-kuntatt ma’ missierha.

“Rigward ir-ragel li bdiet tiffrekwenta l-attrici ftit wara s-separazzjoni de facto, tghid li dan kien habib tal-genituri taghha u kienet saret tafu meta ghal habta tas-sena 2004 dan kien gie jaghmel xoghlijiet fid-dar taghhom. Huwa ma kienx thallas ta’ dawn ix-xoghlijiet, u kien sar habib tal-familja, tant li kien jiekol ghandhom ta’ sikwit. Kien ukoll jaghmilha ta’ *driver* kull meta jkollhom bzonn jmorru x’imkien, u gieli wassal lill-attrici waheda. Darba minnhom huwa u l-attrici marru Ghawdex peress li din riedet tmur Ta’ Pinu. L-attrici tghid li ma’ dan ir-ragel, li huwa separat, hi kellha biss relazzjoni ta’ hbiberija u xejn aktar, u ma kellhiex relazzjonijiet intimi mieghu.

“*Verzjoni tal-konvenut*

“Min-naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu, jghid li “[jien] dejjem gibt rispett lil marti[1]” u jaghti t-tort tal-inkwiet matrimonjali lill-attrici, u jghid li “kull meta kien hemm dizgwid bejnietna, dan dejjem kien provokat mill-agir arroganti u dispreggjattiv tal-mara[2].” Jilmenta wkoll li martu kienet

[1] Vol.1 affidavit fol.109 *et seq.*
[2] Ibid.

ticcattja ghal hin twil sas-sieghat bikrin ta' filghodu fuq l-*internet*.

"Jghid li huwa dejjem xtaq isalva z-zwieg, tant li anke kien offra li jkompli jhallas il-manteniment ghal martu u ghal bintu, anke fl-assenza ta' digriet tal-Qorti. Inoltre, f'Novembru 2002 kien irrefera lilu nnifsu ghall-programm fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika "ghaliex kelli l-impressjoni li bdejt nizbalja fil-konfront tal-familja tieghi[3]."

"Huwa jhossu ddispjacut li li jara lil martu tiffrekwenta ragel iehor, u li dan kien ikun ta' spiss ma' bintu wkoll. Huwa dispjacut ukoll li bintu qatet volontarjament kull kuntatt mieghu.

"*Xhieda ohra*

"Illi ta' relevanza qawwija ghall-finijiet tal-ezercizju odjern huma: x-xhieda tal-imsemmi Fr. Joseph Saliba, ta' Lorraine Agius ko-ordinatrici tas-sezzjoni Vjolenza Domestika, u wkoll tal-Psikologa Dottor Anne Marie Micallef.

"Illi l-imsemmi Fr. Saliba kien dahal fix-xena meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien u l-attrici bdiet titlaq mid-dar konjugali wara ncidenti ta' vjolenza da parti ta' zewgha. Kien dan il-qassis li kien jintermedja bejn il-partijiet u jikkonvinci lill-attrici terga' tmur lura d-dar, sakemm eventwalment telqed defenittivament. Fix-xhieda[4] tieghu, dan jghid li l-attrici kienet thossha ddispjacuta bil-komportament abbuziv u dispreggjattiv fil-konfront taghha da parti ta' zewgha, u li kemm hi kif ukoll it-tifla kienu jidhru mbezzghin mill-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut kien ikun imbaqbaq hafna u ddispjacut bl-inkwiet matrimonjali u "[dan] kien jigi dejjem isaqsini jekk jiena stajtx nerga' nghaqqadhom flimkien." Kien jilmenta wkoll mill-fatt li l-attrici kienet tirrifjutah emozzjonalment u fizikament.

[3] Vol.1 depoz. fol.186
[4] Vol.1 depoz. fol.180

"Illi fix-xhieda[5] taghha Lorraine Agius tghid li f'Novembru 2002 il-konvenut kien mar ghand l-Appogg minn jeddu. "Dak iz-zmien huwa qal li kien qed jabbuza emozzjonalment lil martu .... [u] beda programm ghal *'perpetrators'* ta' vjolenza, u dan ikkompletah kollu l-kors......Waqt il-kors irrizulta li huwa kien qed ikun vjolenti peress li huwa kien ihossu provokat." Min-naha taghha l-attrici kienet tilmenta li kull darba li l-partijiet jiltaqghu, il-konvenut kien "dejjem jghajjat."

"Illi l-Psikologa Dottor Anne Marie Micallef, tikkonferma li l-episodji ta' vjolenza li sehhew fil-prezenza tat-tifla, kien halla effett negattiv fuq bint il-partijiet, li eventwalment zviluppa f'rabja li t-tifla turi fil-konfront ta' missierha, tant li l-psikologa rrakkomandat terapija ghat-tifla minuri bil-ghan li din "thossha lesta biex tiskopri xi forma ta' kuntatt mal-missier[6]." Il-psikolga ssemmi d-diskors registrat fuq *cassette recording* mehud mit-tifla, bejn it-tifla u missierha, minn fejn jirrizulta abbuz verbali fil-konfront tat-tifla minhabba r-riluttanza da parti taghha hi tirrelata ma' missierha.

"Din ix-xhud tghid ukoll li fil-kuntatt li din kellha mal-konvenut kien "jidher li n-nuqqas ta' relazzjoni li [dan] ghandu mat-tifla tieghu hija ta' ugiegh psikologiku kbir, u jidher li ghadu ma jistax jaccetta l-fatt relati li d-dinamika u l-istruttura tal-familja tieghu tbiddlet f'dawn l-ahhar snin[7]."

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet, izda ma taqbilx li din hija esklussiva ghall-konvenut, u hija tal-fehema li l-komportament tal-attrici <u>ftit wara</u> s-separazzjoni *de facto* kien fattur kontributorju li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet.

"Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li l-komportament abbuziv, kontinwu, ripetut u abitwali, da parti tal-konvenut

[5] Vol.1 fol. 201 *et seq.*
[6] Vol.2 . rapport fol.391
[7] Vol.2 rapport fol.387

fil-konfront tal-attrici, huwa l-fattur ewlieni li kkostringa lill-attrici sabiex din titlaq, bit-tifla, mid-dar konjugali u tmur tghix ghand il-genituri taghha.
“Sfortunatament il-karattru tal-konvenut huwa tali li, fir-relazzjonijiet inter-personali tieghu ma’ martu, u aktar tard ma’ bintu, kien jirrendih inkapaci li jiddjaloga u jkkonvivi fil-hajja matrimonjali minghajr litigji u glied.  Rizultat ta’ dan, l-attrici sfat vittma ta’ vjolenza psikologika, emozzjoni u anke fizika min-naha tal-konvenut li, minkejja t-tentattivi da parti tieghu sabiex jirrazzan l-impulsi vjolenti fih, il-problema baqghet hemm, anke meta dan kien ghamel il-programm kollu mas-sezzjoni tal-Vjolenza Domestika fi hdan l-Appogg.

“Il-Qorti tifhem ghaliex l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali peress li l-konvivenza matrimonjali mal-konvenut kienet saret insapportabbli u difficli hafna, ghaliha u ghal bintha minuri, minhabba ‘sevizzi’ da parti tal-konvenut fil-konfront taghha.

“Izda min-naha l-ohra dan ma jiggustifikax il-komportament tal-attrici li, ftit wara s-separazzjoni *de facto*, hija dahlet fi hbiberija partikolari ma’ ragel iehor ukoll separat minn martu. Dan ir-ragel kien jwassalha bil-karroza kull meta jkollha bzonn, u dan a spejjez tieghu; kien jiekol circa tliet darbiet fil-gimgha ghand il-genituri taghha fejn kienet tabita l-attrici;  kien ghamel xoghlijiet fl-istess dar minghajr hlas; u wkoll kien jislef il-karrozza tieghu lill-attrici.  Okkazzjoni minnhom kien ha lill-attrici, wahedha, Ghawdex. L-attrici dan tammettih, ghalkemm tichad li kien hemm relazzjonijiet intimi bejniethom.

“Izda fix-xhieda taghha tal-31 Jannar 2007 tghid li “waqaft nara lil AB peress li ddejjaqt bid-domandi dejjem fuqu u qisu qed tinholoq storja f’din il-kawza li jiena qeghda mieghu[8].”

“In propozitu l-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-perit legali, dawn il-provi ma jwasslux ghall-integrazzjoni tal-prova ta’ adulterju da parti tal-attrici; izda

[8] Vol.1 fol.236

pero` zgur li din il-hbiberija specjali ma’ dan ir-ragel da parti tal-attrici, li kienet ghadha kif isseparat *de facto*, jikkostitwixxi ‘ngurja gravi’ da parti taghha fil-konfront ta’ zewgha, multo magis meta dan tal-ahhar kien dejjem lest, kif fil-fatt ghamel, li jibqa’ jhallas il-manteniment ghall-attrici. Fil-fehma tal-Qorti, b’dan il-komportament l-attrici wriet insensittivita` kbira fil-konfront ta’ zewgha meta kienet apertament tidher b’certu frekwenza ma’ dan ir-ragel ; u wkoll dan l-atteggjament tal-attrici kkontribwixxa sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

“Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fhema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment bi htija tal-konvenut minhabba s-‘sevizzi’ maghmula minnu fil-konfront tal-attrici, u sekondarjament bi htija kontributorja tal-istess attrici minhabba l-‘ingurja gravi’ kommessa minnha fil-konfront tal-konvenut. Dawn il-fattur jidhlu fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16 u jiggustifikaw it-talba tal-partijiet ghas-separazzjoni personali; izda l-Qorti thoss li f’dan il-kaz m’ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 b’referenza ghall-Artikolu 51 tal-istess Kap.

“**Dar Matrimonjali**

“Din tikkostitwixxi s-suggett tal-vertenza principali bejn il-partijiet rigwardanti l-aspett patrimonjali tal-kawza. Filwaqt li l-attrici tikkontendi li d-dar hija proprjeta` taghha biss ghax xtratha fuq isimha qabel iz-zwieg, il-konvenut isostni li, meta sar il-kuntratt, l-attrici kienet qeghda tidher ghan-nom tieghu wkoll, u ghalhekk il-fond kien gie akkwistat miz-zewg partijiet.

“Il-perit legali abbraccja t-tezi tal-konvenut fuq il-konsiderazzjonijiet fattwali li, skond hu, taw lok ghall-applikazzjoni tal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **Lawrence Lanzon v. Rosette Lanzon** deciza fis-30 Novembru 2007[9]. Huwa kkonkluda li “l-intenzjoni tal-partijiet kienet li d-dar matrimonjali tinxtara miz-zewg partijiet flimkien” u, ghalhekk ikkonkluda li l-fond ghandu

[9] Cit.1197/02

jinbiegh, u, wara li jitnaqqas l-ispejjez relattivi, il-bilanc tar-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

“Illi din il-Qorti kienet tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali u tapplika l-insenjament imsemmi fil-kaz fuq indikat, li kieku l-fatti relevanti kienu l-istess; izda fil-kaz odjern, hemm ostakolu fattwali u legali, li jmmilita serjament kontra t-tezi tal-konvenut: dan hu, l-iskrittura privata datata 23 Dicembru 1987.

“Il-fatti relevanti huma s-segwenti: Fil-11 Novembru 1987 il-partijiet, bhala gharajjes, applikaw konguntivament mal-Housing Authority ghal sussidju fuq *loan* biex jintxara l-fond numru 2 Charlie Flats, Cospicua Road, Fgura. Il-partijiet, bilfors kellhom japplikaw flimkien bhala gharajjes, ghax altrimenti ma kienux jaqghu taht l-iskema. Sussegwentement, il-partijiet kellhom japplikaw mal-Bank, u kien il-Bank li ddecieda fuq min kellu jinhareg il-*loan*. F’dan il-kaz is-*sanction letter* harget fuq l-attrici fit-28 Ottubru 1987, u ghalhekk il-Housing Authority approva l-applikazzjoni fuq il-persuna approvata mill-Bank[10].

“Ir-rapprezentant[11] tal-HSBC Home Loans Malta Limited, filwaqt li kkonferma l-premess, ikkonferma li s-self kien inghata lill-attrici peress li din kellha aktar paga mill-konvenut.

“Illi, sussegwentement fit-23 Dicembru 1987, gie ppubblikat min-Nutar Dottor Victor Bisazza, il-kuntratt ta’ self u bejgh li fuqu l-attrici kienet dehret bhala ix-xerrejja filwaqt li l-konvenut kien deher bhala garanti solidali ghas-self li kienet hadet l-attrici biex jinxtara l-fond *de quo*.

“Illi sa hawn, il-fatti donnhom jikkonfortaw it-tezi tal-konvenut. Izda, hemm fatt iehor addizzjonali, li jbiddel ix-xenarju kompletament ; ghax, dakinhar stess li fih gie ppubblikat il-kuntratt, il-partijiet, quddiem l-istess nutar, iffirmaw skrittura privata[12] li permezz taghha ftehmu li fil-kaz li l-gherusija jew iz-zwieg futur jithassru, l-attrici kellha

---

[10] Vol.1 Dep.Carmen Azzopardi [Housing Authority] fols.219 sa 220
[11] Vol.1 Dep.Nazzarena Busuttil fols.193 sa 194
[12] Vol.1 Dok. YB2 fol.34

dritt ta' ghazla: jew "li jew tbiegh" l-imsemmi fond u r-rikavat, wara li jitnaqqas id-dejn gravanti l-fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, jew "tista' tghazel li ma tbieghx il-fond u tirrifondi lil Christopher Borg, kull somma minnu mahruga fuq ix-xiri tieghu u ghall-hlas tar-rati mensili."

"Illi, ghalkemm fis-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jghid li dan il-ftehim mhuwiex ammissibbli skond il-ligi[13], huwa ma jindikax dispozizzjoni tal-ligi li ssostni din it-tezi tieghu. Inoltre, rigward l-argument tieghu bazat fuq il-kelma "thassir" taz-zwieg, il-Qorti tosserva li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li z-zwieg jithassar bis-separazzjoni, u mhux bil-fors bl-annullament.  Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fhema li ma jirrizulta xejn li jimmilita kontra l-validita` legali ta' din l-iskrittura privata li allura fit-termini taghha ghandha l-forza ta' ligi bejn il-partijiet.

"Fid-depozizzjoni tieghu n-Nutar Bisazza spjega li, peress li kemm is-self kif ukoll ix-xiri sar mill-mara, il-partijiet "riedu jirregolaw il-kwistjoni tal-proprjeta` bejniethom dwar il-flus ... l-iskrittura qeghda tirregola biss il-kreditu li kellu Christopher Borg fuq il-proprjeta` u l-pagament ta' dan il-kreditu f'kaz li jithassar iz-zwieg jew l-gherusija[14]."  Ikompli jghidli: "Ir-raguni tal-iskrittura saret peress li l-*loan* tal-Lohombus kien jinghata biss fuq il-persuna li tippercepixxi l-aktar paga li f'dan il-kaz kienet il-mara."

"L-effetti fattwali u legali ta' din l-iskrittura jpoggi l-kaz fuq binarju differenti minn dak tal-kaz fuq indikat; ghax f'dan il-kaz, irrispettivament jekk l-attrici kienitx dehret fuq il-kuntratt, f'isimha biss jew ghan-nom u fl-interess tal-konvenut ukoll, il-pozizzjoni legali, kristalizzata bl-imsemmija skrittura, hi li, fil-kaz li z-zwieg jithassar, l-attrici ghandha d-dritt ta' ghazla li permezz tieghu tista' taghmel, kif ghamlet, li tghazel li zzomm il-fond u tirrifondi lill-konvenut l-flus kollha li kien hareg hu ghax-xiri tieghu. Dan hu konformi mal-ftehim li dahal fih il-konvenut permezz tal-iskrittura.

[13] Vol.1 fol.160
[14] Vol.1 fols.191 sa 192

"Illi fuq id-dritt taghha naxxenti mill-iskrittura l-attrici ghazlet li zzomm il-fond bl-obbligu li tirrifondi lill-konvenut dak kollu li kien hareg in konnessjoni max-xiri tal-fond.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti qed tqis il-fond fuq indikat bhala proprjeta` tal-attrici, fl-intier taghha; filwaqt li din qed tigi ordnata li tirrifondi lill-konvenut il-pagamenti kollha maghmula minnu in konnessjoni mas-self u x-xiri tieghu.

"**Manteniment**

"Illi, stante li t-tifla llum hija maggjorenni, dan il-kap japplika biss ghat-talba attrici fil-konfront tal-istess attrici.

"Illi, tenut kont tas-segwenti fatti: li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet, *albeit* fi kwoti differenti; tenut kont tal-fatt li l-konvenut jaqla' Lm350 netti fix-xahar, filwaqt li l-attrici ma tahdimx; tenut kont tal-fatt li, filwat li l-attrici ghandha fejn tirrisjedi, il-konvenut ser jkollu jaghmel spejjez relevanti biex isib fejn jabita; tenut kont tal-fatt li l-attrici llum ghandha circa 42 sena u ghalhekk f'eta` li tista' ssib xoghol, *multo magis* kunsidrat il-fatt li t-tifla llum hija maggjorenni – il-Qorti hija tal-fhema li, sakemm l-attrici ssib xoghol bi qliegh regolari, ir-rata alimentarja dovuta lilha mill-konvenut ghandha tkun ta' erbgha u disghin Ewro [€94] fix-xahar, u dan ghal perjodu li ma jeccedix it-tliet snin. Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici din is-somma menislment bhala manteniment ghaliha, sakemm issib xoghol b'introjtu adegwat jew wara li jalqu t-tliet snin, liema jigi l-ewwel.

"**Komunjoni tal-Akkwsiti**

"*Krediti*

"Illi mir-relazzjoni prezentata mill-perit tekniku l-AIC Mario Cassar[15] jirrizulta li l-konvenut ghamel xi xoghlijiet fil-fond *de quo*, proprjeta` tal-attrici, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll matur iz-zwieg. Il-valur tax-xoghol u spejjez li saru minnu

[15] Vol.1 fol.142

qabel iz-zwieg huwa ta' €163 [ekwivalenti ghal Lm70], u tax-xoghlijiet u spejjez li saru matul iz-zwieg jammonta ghal €3,804 [ekwivalenti ghal LM1,633]. Ghaldaqstant il-komunjoni ghandha kreditu kontra l-attrici fl-ammont ta' €3,804 [ekwivalenti ghal Lm1,633], filwaqt li l-konvenut ghandu kreditu kontra l-attrici fl-ammont ta' €163 [ekwivalenti ghal Lm70]. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attrici thallas lill-konvenut €2,065 [ekwivalenti ghal Lm886.5][16].

"*Oggetti Mobbli, Kontijiet Bankarji u Vetturi*

"In propozitu l-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fil-paragrafu 14 tar-relazzjoni [Appendici C][17]."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Christopher Borg tat-30 ta' Dicembru 2009 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti bil-mod segwenti:

Kwantu ghall-azzjoni attrici billi:

"1. Tirriformaha fejn laqghet l-ewwel talba attrici u ppronunzjat is-seperazzjoni personali bejn il-partijiet principalment bi htija tal-konvenut u sekondarjament bi htija tal-attrici u dan billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu giet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tirrevokaha in kwantu sabet lill-konvenut bhala principalment hati tal-firda u minflok jigi dikjarat u deciz illi r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg kienet unikament tal-attrici kif fuq spjegat, jew fin-nuqqas bi htija indaqs bejn iz-zewg partijiet u fi kwalunkwe kaz l-attrici ghadha tigi ddikjarata li tilfet u ddekadiet mid-drittijiet elenkati taht l-Artikolu 48 tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

[16] [LM70+LM816.5]
[17] Vol.2 fols.487 sa 488

“3. Tirriformaha in kwantu laqghet it-tielet talba fis-sens stabbilit fis-sezzjoni ntestat ‘manteniment’ u dan billi filwaqt li tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda t-tifla stante l-maggior eta` taghha, tirrevokaha ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-attrici filwaqt li jigi dikjarat u deciz li l-attrici ddekadiet mid-dritt li tiehu manteniment mill-konvenut u ghandha tigi kkundannata thallas lura lill-konvenut is-somma ta’ €23,759.61 rappprezentanti l-manteniment imhallas lilha mill-konvenut *pendente lite* stante li dan jirrizulta mhux dovut skond il-ligi.

“4. Tirriformaha in kwantu laqghet ir-raba’ u l-hames talba fis-sens stabbilit fis-sezzjonijiet intestati ‘komunjoni tal-akkwisti’ u ‘dar matrimonjali’ u dan billi tirrevokaha *in toto* ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali u dan billi jigi dikjarat u deciz illi l-konvenut huwa proprjetarju tan-nofs indiviz tad-dar gia` l-fond konjugali bl-isem ‘Chrivon’ Flat 2, Triq Cospicua, Fgura jew li huwa intitolat jircievi nofs ir-rikavat ta’ kwalunkwe bejgh jew trasferiment li talvolta jista’ jsir jew jigi ordnat tal-istess dar, jew fin-nuqqas, l-attrici ghandha tigi ordnata thallas lill-konvenut l-ammonti kollha li l-konvenut nefaq fl-istess dar u cioe` dawk elenkati fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu fis-sezzjoni intestata *ameljoramenti fid-dar, u flus li hareg l-esponent fuq id-dar* u dwar liema huwa xehed dettaljatament fl-affidavit tieghu Dok AFF1 ipprezentat fis-7 ta’ Dicembru 2005; filwaqt illi tvarjaha ghal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti b’mod illi tikkonfermaha fis-sens deciz ghajr ghar-rifuzjoni da parti tal-konvenut tas-somma ta’ €698.81 lill-attrici.

“5. Tirrevokaha *in toto* in kwantu laqghet is-sitt talba u ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond ‘Chrivon’ Flat 2, Cospicua Road, Fgura fi zmien xahar, filwaqt li ddikjarat li dan il-fond jappartjeni fl-intier tieghu lill-attrici u m’ghandux jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet u dan billi ghandu jigi dikjarat u deciz illi l-konvenut huwa proprjetarju tan-nofs indiviz tad-dar gia` l-fond konjugali bl-isem ‘Chrivon’ Flat 2, Triq Cospicua, Fgura jew li huwa intitolat jircievi nofs ir-rikavat ta’ kwalunke bejgh jew trasferiment li talvolta jista’ jsir jew jigi ordnat tal-istess dar, jew fin-nuqqas, l-attrici ghandha tigi

ordnata thallas lill-konvenut l-ammonti kollha li l-konvenut nefaq fl-istess dar u cioe` dawk elenkati fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fis-sezzjoni intestata *ameljoramenti fid-dar, u flus li hareg l-esponent fuq id-dar* u dwar liema huwa xehed dettaljatament fl-affidavit tieghu Dok AFF 1 ipprezentat fis-7 ta' Dicembru 2005 oltre li bl-applikazzjoni tal-Art. 55 tal-Kap. 16 il-konvenut ghandu jinghata d-dritt *vita durenate* li jibqa' jghix u jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici liema fond ghandu jibqa' proprjeta` komuni taz-zewg partijiet.

"6. Tikkonfermaha in kwantu cahdet is-seba' talba."

u kwantu ghall-kontro-talba billi:

"1. Tirriformaha in kwantu laqghet l-ewwel kontro-talba limitatament fis-sens deciz u dan billi tvarjaha fit-termini ta' dak mitlub aktar 'il fuq mill-appellant ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba.

"2. Tikkonfermaha kwantu ghat-tieni kontro-talba.

"3. Tirriformaha in kwantu laqghet it-tielet kontro-talba limitatament fis-sens deciz u dan billi tvarjaha fit-termini ta' dak mitlub aktar 'il fuq mill-appellant ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba.

"4. Tirrevokaha in kwantu cahdet ir-raba' kontro-talba u dan billi l-attrici ghadha tigi ddikjarata li tilfet u ddekadiet mid-drittijiet elenkati taht l-Artikolu 48 tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"5. Tirriformaha in kwantu laqghet il-hames u s-sitt kontro-talbiet limitatament fis-sens deciz u dan billi tvarjaha fit-termini ta' dak mitlub aktar 'il fuq mill-appellant ghal dak li jirrigwarda r-raba', hames u sitt talbiet.

"6. Tirrevokaha in kwantu cahdet is-seba' kontro-talba u dan billi jigi dikjarat u deciz illi bl-applikazzjoni tal-Art. 55 tal-Kap. 16 il-konvenut ghandu jinghata d-dritt *vita durenate* li jibqa' jghix u jabita fid-dar matrimonjali ad

eskluzjoni tal-attrici liema fond ghandu jibqa' proprjeta` komuni taz-zewg partijiet.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."
Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici Yvonne Borg (prezentat l-ghada, 31 ta' Dicembru 2009) li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'din il-kawza billi:

"......tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament attribwibbli lill-istess appellat u b'hekk l-appellanta ma tigix addebitata bir-responsabbilta` sekondarja jew kontributorja tas-separazzjoni; tordna illi l-appellat jhallas manteniment adegwat ghaliha u xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti hekk kif imsemmi fl-apozitu aggravju bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet provduti bil-ligi kontra l-appellat u tilqa' is-seba' u tmien talbiet attrici filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghall-bqija taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontra l-konvenut-rikonvenzjonant appellat."

Rat ir-risposti li ressqu z-zwieg kontendenti ghall-appell interpost mill-parti l-ohra li forza taghhom, ghar-ragunijiet esposti f'kull risposta, kull parti talbet li l-appell tal-kontro-parti jigi michud, bl-ispejjez kontra l-appellanti rispettiv;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni b'kontro-talba li fiha l-partijiet, li kienu zzewgu fis-26 ta' Mejju 1990, jaqblu li ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali ta' bejniethom izda jumputaw it-tort ta' dan lill-xulxin. L-ewwel Qorti, wara li ttrattat il-kaz bl-ghajnuna ta' perit legali minnha mahtur, waslet biex tippronunzja s-separazzjoni personali, bi htija principali tal-konvenut, u sekondarjament bi htija tal-attrici. L-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-

attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ €94 fix-xahar, u dan sakemm l-attrici ssib xoghol bi qliegh regolari jew ghal zmien tliet snin, liema jigi l-ewwel, u pprovdiet ukoll ghat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, allura ezistenti bejn il-partijiet; f’dan il-kuntest, iddikjarat li d-dar matrimonjali hi proprjeta` tal-attrici fl-intier taghha, izda ordnat li l-konvenut jigi mhallas lura l-pagamenti li hu ghamel in konnessjoni mas-self u x-xiri tal-fond.

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet. Iz-zewg partijiet ma qablux fuq il-mod kif l-ewwel Qorti akkollat ir-responsabbilta` ghall-firda, u t-tnejn isostnu li l-htija trid titpogga kompletament f’hogor il-parti l-ohra. Iz-zewg partijiet ukoll ma jaqblux dwar l-ordni tal-hlas ta’ manteniment, bl-attrici tinsisti li tinghata aktar flus ghal zmien itwal, waqt li l-konvenut ma jaqbilx li ghandu jhallas xi haga ta’ flus ghall-martu. Il-konvenut ma jaqbilx dwar il-provvediment tal-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali, u jsostni li ghandu jinghata sehem ta’ nofs ta’ dan il-fond. Iz-zewg partijiet ressqu wkoll diversi aggravji dwar kif xi partiti gew decizi mill-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti akkollat ir-responsabbilta` ghall-ksur irrimedjabbli taz-zwieg. Kif taraha din il-Qorti, ir-ragel taht ebda cirkostanza ma jista’ jehles mir-responsabiltajiet tieghu. L-attitudni tieghu lejn martu kienet wahda aggressiva u ta’ konfrontazzjoni, u kien jissoggetha ghall-vjolenzja fizika u psikologika. Dan l-atteggjament kien isir anke quddiem it-tifla taghhom (illum maggorenni) li waslet biex ma tridx taf aktar b’missierha. Il-konvenut kien ripetutament jghajjar u jinsulenta lill-martu (bi kliem dispreggjattiv bhala li hi ‘mignuna’ u ‘xokkijiet’ b’riferenza ovvja li l-attrici ma kienitx mara normali), u t-tifla tant hasset ghal ommha li darba minnhom, waqt li missierha kien qed jghajjar lill-ommha, din nezghet il-karkur u bdiet taghti bih lill-missierha u tghidlu biex jiskot. Xehdet ukoll fl-atti ta’ dawn il-proceduri psikologa, li qalet li kienet ezaminat lit-tifla, u sabet li din kienet identifikat ruhha mal-

omm peress li kienet thenn ghaliha meta kienet taraha vittma ta’ aggressjoni minn missierha.

Apparti dan, jidher li l-konvenut kien jadotta strategija li jbezza’, tant li fl-atti gew esebiti zewg tpingijiet li ghamel il-konvenut u dendel fid-dar: dawn jindikaw persuna li qed titghalaq u fuqhom hemm il-kliem “Guda”, “Flus” u “Ingann”. Hi x’inhi r-raguni li wasslet lill-konvenut jissospetta hazin f’martu, dan ma kienx il-mod kif wiehed jirreagixxi, u kif stqarret l-istess psikologa, dawn it-tpingijiet kienu jbezzghu u jinkwetaw hafna lit-tifla.
Fl-atti hemm ukoll ix-xhieda ta’ *social worker* li stqarret li maghha l-konvenut kien ammetta li qabel is-separazzjoni *de facto* hu kien uza vjolenza fuq martu u li kien jabbuza “emozjonalment” minnha, tant li kien irregistra lilu nnifsu mal-agenzija Appogg biex jattendi kors halli jipprova jrazzan l-aggressjoni tieghu. Anke waqt il-kors, pero`, il-konvenut baqa’ ghaddej bl-istess attitudini, u sas-separazzjoni *de facto* baqa’ jaghmel affarijiet li kienu ta’ hsara ghall-martu u bintu. Din il-Qorti tifhem li mhux kull persuna hija kapaci tidhol f’relazzjoni ma’ persuna ohra, jew li tadatta ruhha ghall-hajja flimkien ma’ dik il-persuna maghzula, pero` ma tistax tissanzjona mgieba bhal din, fejn dak li jkun – avvolja l-okkazzjonijiet ta’ vjolenza fizika jkunu ftit – regolarment jeqred lill-martu billi kontinwament jipprova jwaqqalha l-istima u jumiljaha, u dan anke b’affarijiet zghar (bhal li jimsah idejh f’martu meta din tkun imbidla biex tohrog), incidenti li fuq medda ta’ snin waslu biex iddghajfu d-dinjita` tal-persuna l-ohra.

Din il-Qorti, pero`, gia` kellha okkazzjonijiet tesprimi l-veduta li, mhux lecitu ghal mara li, f’sitwazzjoni simili ghal dik tal-attrici, fejn ma kienx hemm verament perikolu ghall-inkolumita` personali taghha, titlaq mid-dar u tmur tibda relazzjoni ma’ ragel iehor (ara per ezempju, il-kawza **Catania Cordina v. Catania**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Gunju 2009). Jekk zewgha, kif tallega, mhux tajjeb ghaz-zwieg, ma kellhiex thalli s-sitwazzjoni kif inhi, titlaq mid-dar u tibda relazzjoni ma’ ragel iehor (tant li kien jidhol regolarment fid-dar fejn marret tghix mal-genituri taghha u anke marret Ghawdex mieghu). Ghamlet sew, ghalhekk, l-ewwel Qorti, li sabet li l-attrici ikkontribwiet hi wkoll ghat-

tkissir irrimedjabbli taz-zwieg. L-attitudni tal-konvenut wassal u holoq ambjent li ta lok ghall-firda, pero`, jekk kien “immatur” (kelma li wzat l-attrici fil-konfront ta’ zewgha) dan ma jiggustifikax li l-istess jigi tradut.

L-aggravji taz-zewg partijiet fil-kuntest tal-konkluzjoni milhuq mill-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta` ghall-firda qed jigu, ghalhekk michuda.

L-aggravji tal-partijiet dwar il-modalitajiet ta’ kif l-ewwel Qorti pprovdiet ghal hlas ta’ manteniment lill-attrici mill-konvenut ukoll ma humiex gustifikati. Zgur li ma jistax jitqies li l-attrici ddekadiet jew irrinunzjat ghal jedd li tippercepixxi manteniment minghand zewgha ghas-semplici raguni li hi qalet li trid hajja indipendenti, anke finanzjarjament mill-konvenut. Hu veru li l-attrici qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor (hi tghid li din ir-relazzjoni hi biss ta’ ‘hbiberija’), pero`, dan sehh wara l-firda, u mill-atti ma tirrizultax prova cara ta’ adulterju. Din il-Qorti tinnota li l-attrici, tul iz-zwieg, qatt ma hadmet, u l-konvenut jidher li kien kuntent b’din is-sitwazzjoni. Fin-nuqqas ta’ indizji cari ta’ adulterju – fis-sens ta’ kongungiment karnali, kif tirrikjedi l-gurisprudenza – hu gust li din tinghata l-opportunita` tahseb ghaliha nfisha kif ipprovdiet l-ewwel Qorti. Ma tarax pero`, li ghandu jkun hemm awment fis-somma kif stabbilita mill-ewwel Qorti.

Fejn din il-Qorti tara’ li l-konvenut ghandu ragun, huwa fil-kuntest tal-aggravju tieghu dwar id-dar matrimonjali. Mhux kontestat li dan il-fond inxtara mill-attrici qabel iz-zwieg u, allura, jidher li hu proprjeta` parafernali taghha. Il-konvenut, pero`, jallega li l-attrici akkwistat l-istess fond bhala *prestanome* tieghu wkoll, ghax il-hsieb kien li l-fond jinxtara bi shab bejn il-partijiet allura gharajjes, biex iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li, ghalkemm kien hemm indizji ta’ dak li allega l-konvenut, f’kull kaz, il-partijiet, dakinhar stess li nxtara l-fond, iffirmaw skrittura privata li fiha stipulaw x’jigri jekk l-gherusija jew iz-zwieg futur jithassru; f’kaz ta’ din l-eventwalita`, l-attrici kellha l-ghazla jew li tbiegh l-imsemmi fond, u r-rikavat jinqassam b’mod indaqs, jew izzomm il-fond ghaliha u tirrifondi lill-konvenut kull somma

minnu mahruga fuq ix-xiri tieghu u ghal hlas tar-rati mensili. L-ewwel Qorti qalet li din l-iskrittura hija valida, torbot lill-partijiet u, skond hi, turi li l-konvenut kien qed jammetti li l-fond hu tal-attrici biss.

Il-konvenut, da parti tieghu, baqa' jinsisti li hu ghandu sehem ta' nofs tal-fond, peress li hekk kien il-hsieb tal-partijiet, u l-fond inxtara fuq isem l-attrici peress li dak iz-zmien, il-korporazzjoni Lohombus, li minghandha kienu se jihdu self, kellha l-pratikka li tinsisti li l-kuntratt tal-akkwist isir biss fuq isem dik il-parti li se tinghata self, u f'dan il-kaz, is-self kien se jinghata biss lill-attrici peress li kellha introjtu ahjar mill-konvenut.

Ghar-rigward in-nozjoni ta' *prestonome*, fil-kawza **Maria Calleja nomine v. Paolo Deguara** deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (Vol. XXVII.i.620), gie osservat: *"nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell'atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse"*. Fir-rigward ta' dan il-kuncett dan gie spjegat b'mod konciz u car minn din il-Qorti fis-sentenza **Professur Anthony Mamo nomine v. Charles Sant Fournier** tat-2 ta' Mejju 1957:- *"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jezercita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiz akkwirenti, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward ta' terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet sigreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett.* ***Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat; u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant****"* (Sottlinear, ossia enfasi, ta' din il-Qorti). Tezisti sensiela shiha ta' gurisprudenza li ttrattat dan il-kuncett.

L-oneru tal-prova hu fuq il-konvenut, u din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, tara li hu rnexxielu jissodisfa dan il-piz mixhut fuqu. Jirrizulta li l-partijiet kienu applikaw ghal sussidju mill-Awtorita` tad-Djar, applikaw flimkien u t-talba giet milqugha precizament ghax huma kienu gharajjes u riedu jixtru l-post bil-hsieb ta’ zwieg. It-tnejn flimkien avvicinaw il-Korporazzjoni Lohombus ghal ghajnuna, u l-kuntratt sar biss fuq isem l-attrici minhabba l-*policy* li kienet issegwi dak iz-zmien il-korporazzjoni u mhux ghax hekk xtaqu l-partijiet. Il-prezz tal-akkwist, minbarra s-self, harguh iz-zewg partijiet ugwalment, u l-hlas lura tas-self kollu kellu jsir minn flus tat-tnejn b’mod ugwali. Kif inghad, kienet il-korporazzjoni li ddecidiet fuq min kellu jinhareg il-*loan*, izda din insistiet ukoll li l-konvenut jidhol garanti solidali mal-attrici ghat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha li din assumiet *vis-à-vis* l-istess korporazzjoni. Wara z-zwieg, dan il-fond beda jservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u l-fond gie ameljorat u mghammar bl-interess u sforz tat-tnejn, ghalkemm il-hlasijiet kien jaghmilhom dejjem il-konvenut peress li l-attrici qatt ma hadmet fiz-zwieg. Dan kollu juri li l-hsieb tal-partijiet kien li d-dar tkun tat-tnejn. L-ewwel Qorti qalet ukoll li dawn il-fatti u cirkostanzi ohra, “donnhom jikkonfortaw it-tezi tal-konvenut”, pero`, osservat li l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet dakinhar stess tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt akkwist, biddel kollox. Gia` intwera li b’din l-iskrittura, il-partijiet ftehmu x’jigri mill-fond jekk l-gherusija jew iz-zwieg jithassru. Apparti l-fatt li la l-gherusija u lanqas iz-zwieg ma “thassru” (ghax separazzjoni personali ma thassarx zwieg li jibqa’ jitqies validu), din il-Qorti ma tarax li meta l-konvenut iffirma dik l-iskrittura huwa kien qed jirrikonoxxi l-fatt li l-fond huwa parafernali ta’ martu. Fil-fatt, kieku kien qed hekk jirrikonoxxi ma kienx ikollu ghalfejn jiffirma dik l-iskrittura, ghax il-kuntratt innifsu kien juri li l-fond kien qed jinxtara biss mill-attrici. L-iskrittura saret proprju biex il-konvenut jkollu xi haga x’juri dwar l-interess tieghu fil-fond f’kaz ta’ problema ma’ martu, tant li din irrikonoxxiet li jekk tbiegh il-fond lill-terzi, ir-rikavat, wara li jithallsu d-djun gravanti l-istess fond, jinqasam <u>ugwalment</u> bejn il-partijiet.

Lanqas ma din il-Qorti tifhem li l-konvenut, b'dik l-iskrittura (li tista' titqies li ghandha n-natura ta' ftehim/weghda dwar il-mod ta' disposizzjoni ta' oggett in komun f'kaz li jigri xi haga fil-futur – it-"thassir" taz-zwieg), ried jirrinunzja ghal sehemu mill-fond.  L-ghazla xi jsir mill-fond inghatat lill-attrici, izda il-hsieb kien li kemm jekk taghzel li tbiegh il-fond lill-terzi, u kemm jekk taghzel li zzomm l-istess ghaliha, il-konvenut irid jigi kkumpensat ghal sehemu.  Ir-rinunzji jridu jirrizultaw cari u inekwivoci, u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-hsieb tal-partijiet ma kienx li xi parti ma tiehux sehemha fi flus tal-valur tal-proprjeta`.

La darba d-dar matrimonjali tappartjeni liz-zewg partijiet f'porzjonijiet ndaqs, il-Qorti mhux se tordna lill-konvenut jallontana ruhu mill-istess fond (ghax kull ko-proprjetarju ghandu dritt jibqa' fil-pussess tal-oggett in komun sal-qasma), izda, b'effett ta' din is-sentenza, qed tordna li l-fond matrimonjali, cioe`, 'Chrivon', Flat 2, Cospicua Road, Fgura, jinbiegh b'subbasta taht l-Awtorita` tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li jithallsu d-djun kollha gravanti l-istess fond.  Dan il-bejgh ghandu hekk isir sakemm il-partijiet, sa zmien 3 xhur mil-lum, ma jilhqux ftehim dwar il-bejgh tieghu lill-terzi, jew sakemm l-attrici ma taghzilx li zzomm il-fond hi wara li thallas lill-konvenut nofs kemm jiswa l-fond fis-suq, wara li jitnaqqsu d-djun attwali fuq l-istess fond.  Ovvjament, il-konvenut m'ghandux dritt li jinghata lura l-hlasijiet li hu jghid li ghamel fid-dar u biex ihallas lura s-self; il-hlasijiet saru minn flus il-komunjoni tal-akkwisti, ghax dak kollu li dahhal il-konvenut mill-impieg tieghu wara z-zwieg kien jidhol fil-komunjoni u kwindi dawk il-hlasijiet saru minn fondi tal-komun.

Ghar-rigward l-ilmenti tal-partijiet dwar il-qasma tal-oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti bejn il-partijiet, din il-Qorti tara li, f'cirkostanzi ta' din ix-xorta, sakemm ma jirrizultax li l-ewwel Qorti tkun manifestament zbaljata f'xi attribuzzjoni, il-bilanc li tohloq l-ewwel Qorti bil-likwidazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-partijiet, m'ghandux jigi mfixkel b'bidla li ssir f'xi partita, ghax b'dan il-mod, din il-Qorti tista' tkun li tohloq hi zbilanc bi pregudizzju ta' xi parti fil-kawza.

F’dan il-kaz, il-konvenut ilmenta dwar l-ordni tal-Qorti li hu jirrifondi €698.81 lill-attrici (rapprezentanti sehem l-attrici minn flus li hu gibed mill-bank), u l-attrici tilmenta mill-ordni li tirrifondi lill-konvenut is-somma ta’ €1,048.22 flok €582.34 (rapprezentanti d-differenza fil-valur ta’ zewg karozzi li gew assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut). Filwaqt li tara li, dwar l-ewwel ilment, hemm provi li jindikaw li, fil-fatt, il-konvenut gibed somma ta’ flus mill-bank *ad insaputa* tal-attrici (u ghalhekk, irid jirrifondilha nofshom), dwar it-tieni ilment, jidher li l-ewwel Qorti mxiet fuq valuri attribwiti lill-karozzi u li ma gewx kontestati. Ma tarax, allura, li hemm lok li l-mod ta’ divizjoni tintmess, u dak li ordnat l-ewwel Qorti fir-rigward qed jigi konfermat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti mill-partijiet billi, fl-ewwel lok, tichad *in toto* l-appell ta’ Yvonne Borg, u fit-tieni lok, billi tilqa’ in parte l-appell ta’ Christopher Borg, fis-sens li tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha hlief ghal dik il-parti relatata mad-“Dar Matrimonjali”, u filwaqt li thassarha fejn iddikjarat li l-fond huwa parafernali tal-attrici, fejn ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess, u fejn ordnat li l-konvenut jithallas mill-attrici l-hlasijiet kollha maghmula minnu in konnessjoni mas-self u x-xiri tieghu, tiddikjara minflok li din id-dar matrimonjali tappartjeni nofs kull wiehed lill-partijiet, u tordna li l-istess dar tkun *“disposed of”* kif stabbiliet din il-Qorti aktar qabel f’din is-sentenza.

Dwar l-ispejjez tal-kawza, peress li z-zewg partijiet ressqu pretensjonijiet infondati kontra xulxin, jaqbel li dawn kollha, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu bin-nofs bejn l-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------